Nazzjonali tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Qala.

6.00pm Quddiesa b'talb għall-familji. Mistiedna b'mod speċjali l-koppji għarrajjes li qed jitħejjew għaż-żwieġ. Waqt il-quddiesa l-koppji miżżewġa jġeddu l-Wegħdiet taż-Żwieġ.

7.15pm Gala Dinner fil-Grand Hotel fl-okkażjoni tal-Premju Gieħ Għajnselmiż u preżentazzjoni tal-Ktieb ta' l-Istorja ta' Għajnsielem F.C.

**Is-Sibt 9 ta' Diċembru**

9.00am *Sports Day* għat-tfal kollha fil-ground tal-futbol Dun Karm Cassar.

5.00pm Jibda l-qrar fil-Knisja Parrokkjali.

5.15pm Rużarju, Kurunella u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

6.00pm Quddiesa.

6.30pm L-Arċipriet imexxi Quddiesa bl-Ingliż fil-Kappella ta' Lourdes.

8.00pm *Skond Kelmtek Mulej*: Velja ta' Talb fil-Knisja Parrokkjali. Ninġabru flimkien - Saċerdoti, Reliġjużi u Poplu biex nitolbu għall-parroċċa tagħna fi klima ta' ġabra, talb, kant u adorazzjoni Ewkaristika. Ikollna *power point presentation*, qari tal-Kelma ta' Alla u riflessjoni. Imexxi Fr Manuel Magro. Inħeġġu lil kulħadd biex ningħaqdu flimkien f'din il-lejla speċjali. Jagħtu s-sehem tagħhom it-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma ta' l-Isqof.

**Il-Ħadd 10 ta' Diċembru**
***Festa Liturġika tal-Madonna ta' Loreto.***
***Jum il-Pussess ta' l-Arċipriet Dun Frankie Bajada.***

8.00am L-Arċipriet jieħu sehem fit-talb tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Marija Bambina fix-Xagħra.

8.45am Jitlaq *carcade* mill-Munxar.

9.00am L-Arċipriet iżur il-Knisja ta' Sant' Antnin.

9.15am L-Arċipriet jiltaqa' mat-tfal ta' Lourdes Home u jpoġġi bukkett fjuri quddiem il-Madonna ta' Lourdes fil-kappella tagħha.

9.30am Il-Banda San Ġużepp tagħti merħba lill-Arċipriet fi Triq Chambray. Minn hemm, l-Arċipriet flimkien mal-poplu jimxi lejn il-Knisja Arċipretali akkumpanjat mill-Banda San Ġużepp u l-Banda Victory tax-Xagħra li jdoqqu bħala banda waħda.

10.15am L-Arċipriet jiġi milqugħ fil-Pjazza Madonna ta' Loreto mill-ET Monsinjur Mario Grech Isqof ta' Għawdex. Quddiem il-bieb prinċipali tal-Knisja jsiru żewġ diskorsi qosra mis-Sinjorina Rita Meilak segretarja tal-Kunsill Parrokkjali u mis-Sindku s-Sur Frans Cauchi.

10.30am Quddiesa Solenni fil-Knisja Arċipretali ta' Għajnsielem immexxija mill-E.T. Monsinjur Mario Grech Isqof ta' Għawdex fejn matulha jsir ir-rit li permezz tiegħu Dun Frankie Bajada jingħata t-tmexxija pastorali tal-Parroċċa. Tieħu sehem l-orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro. Frankie Debono bis-sehem tal-korijiet *Lauretana*, *Sant' Antnin*, *Allegro* u *Ilħna Smewwija* tal-Munxar u *Voci Angeliche* tax-Xagħra.

1.30pm Festin għal kulħadd fi Pjazza Madonna ta' Loreto.

5.00pm Quddiesa

6.30pm Marċ mill-Banda San Ġużepp mill-Knisja l-Qadima sa ħdejn il-maħżen il-ġdid ta' l-armar fi Triq Chambray. Hekk kif il-marċ jasal ħdejn il-maħżen, isir it-tberik u l-ftuħ uffiċċjali ta' dan il-post.

*Matul dawn il-ġranet nersqu b'ħeġġa għas-sagramenti ħalli dawn il-festi jħallu ħafna frott spiritwali. Nitolbu aktar bil-qalb quddiem Ġesu' Ewkaristija biex ibierek lill-parroċċa, lill-Arċipriet u lis-saċerdoti u r-reliġjużi tagħna.*

*Noħolqu ambjent ta' festa billi kuljum intellgħu l-bnadar fuq il-bjut u nżejnu bil-bozoz. Fil-jum ta' l-10 ta' Diċembru ntellgħu l-bnadar tal-Madonna.*

Il-Velja tas-Sibt 9 ta' Diċembru fit-8.00pm u ċ-Ċerimonja tal-Pussess tal-Ħadd 10 ta' Diċembru fl-10.30am jixxandru dirett fuq Radju Leħen il-Qala 106.3FM, Radju Prekursur 99.3FM u Radju Bambina 98.3FM. L-emigranti jistgħu jsegwu kollox dirett fuq www.radjulehenil-qala.com. Fil-Knisja jkun hemm *screens* u siġġijiet fil-ġnub.

disinn u stampar: gozo press



Parroċċa Madonna ta' Loreto Għajnsielem

# *Skond Kelmtek, Mulej!*

Secundum Verbum Tuum, Domine!

Programm Stedina ta' attivitajiet
fil-bidu tal-Ministeru Pastorali ta'

## Dun Frankie Bajada

bħala Arċipriet
tal-Komunita' Parrokkjali
ta' Għajnsielem

*Dan il-programm jinkludi wkoll*
*l-attivitajiet tal-Ġimgħa ta' Għajnsielem*
*organizzata mill-Kumitat Kultura*
*fi ħdan il-Kunsill Lokali Għajnsielem.*

**Il-Ħadd 26 ta' Novembru**

*Festa ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu. Nieħdu sehem bħala komunita' parrokkjali fil-Manifestazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re ġewwa Victoria. Mistiedna b'mod speċjali l-istudenti tal-Griżma u l-ġenituri tagħhom. Trasport mill-pjazza fit-3.00pm.*

**It-Tnejn 27 ta' Novembru**

4.00pm Rużarju fil-knisja ta' Lourdes.
4.30pm Quddiesa mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada fil-knisja ta' Lourdes fl-okkażjoni tal-festa tal-Medalja Mirakoluża. Wara jkun hemm it-tqassim tad-domni.
5.30pm L-Arċipriet iżur Dar Ġużeppa Debono.

*Nitħejjew spiritwalment għal dawn il-festi sbieħ. Tagħlim għal kulħadd fil-Knisja wara l-quddiesa ta' filgħaxija. Illum ikellemna Mons Salv Borg dwar Kristu r-Ragħaj.*

**It-Tlieta 28 ta' Novembru**

*Wara l-quddiesa ta' filgħaxija, il-Kan. Joseph Sultana jkellemna dwar Kristu l-Profeta.*
8.00pm L-Arċipriet iżur Dar Arka.

**L-Erbgħa 29 ta' Novembru**

*Dun Anton Theuma, rettur tas-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesu' jaqsam magħna ħsibijiet dwar Kristu Saċerdot wara l-quddiesa ta' filgħaxija.*

**Il-Ħamis 30 ta' Novembru**

*Illum ikun jum ta' qrar.*
12.00pm Tindaqq mota solenni li tħabbar ftuħ il-festi.
3.30pm Quddiesa għand is-Sorijiet Agostinjani.
5.00pm It-tfal kollha jinġabru fil-Knisja ħalli nitolbu għall-Arċipriet u għall-parroċċa tagħna quddiem Ġesu' ħaj fl-Ewkaristija.

**Il-Ġimgħa 1 ta' Diċembru**

*L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.*
*L-Adorazzjoni Ewkaristika tkun fil-Knisja Parrokkjali.*
*Nitolbu biex il-Mulej iżejjen lill-Komunita' Parrokkjali tagħna b'aktar vokazzjonijiet saċerdotali, reliġjużi u missjunarji.*
*L-Arċipriet iqarben lill-morda kollha tal-parroċċa fi djarhom.*

5.30pm Rużarju
6.00pm Quddiesa
7.30pm Ċelebrazzjoni għaż-żgħażagħ kollha fil-Knisja. Janima l-grupp taż-żgħażagħ *The Way* li ġej apposta minn Malta. Ikollna qsim ta' esperjenzi u nkomplu b'quddiesa ħajja, ċelebrazzjoni żagħżugħa mżewqa b'kant u mużika.

**Is-Sibt 2 ta' Diċembru**

*Ħarġa għal Malta organizzata mill-Kunsill Lokali.*
6.00pm Quddiesa ta' ringrazzjament lill-Arċipriet Emeritus il-Kan. Dun Ġużepp Zerafa. Janima l-kor *Lauretana*. Issir preżentazzjoni ta' żewġ standardi tal-Papa u ta' Malta lill-Knisja Arċipretali. Wara jsir festin għal kulħadd fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Il-Ħadd 3 ta' Diċembru**

9.00am L-Arċipriet jieħu sehem fiċ-ċerimonja tal-pussess ta' Fr Tonio Galea bħala kappillan tal-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu l-Munxar fejn hu stess serva għal dawn l-aħħar għaxar snin.

*Niċċelebraw il-festa ta' Sant' Andrija Appostlu. Fit-3.30pm ikollna l-għasar u wara l-quddiesa. Kif tintemm l-Ewkaristija, noħorġu puċissjoni bl-istatwa tal-qaddis sajjied.*
6.00 pm Ftuħ ta' Wirja b'Ritratti Antiki fil-Każin tal-Banda mis-Sindku Frans Cauchi u titbierek mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada.
Wara jkun hemm il-*Final* tas-*Snooker* fil-Każin tal-Banda.

**It-Tnejn 4 ta' Diċembru**

10.00am L-Arċipriet imur Kemmuna u jżur lir-residenti li huma parti mill-parroċċa tagħna.
5.00pm Quddiesa fiċ-ċimiterju għal ħutna Għajnselmiżi li daħlu qabilna fl-eternita'.
6.30pm *Get Together* u żjajjar lill-Għaqdiet tar-raħal. L-Arċipriet iżur uffiċjalment il-Kunsill Lokali u l-Għaqdiet f'Għajnsielem.

**It-Tlieta 5 ta' Diċembru**

L-Arċipriet iżur il-Komunita' Franġiskana tal-parroċċa tagħna.
9.00am Tqarbin tal-morda u l-anzjani ta' Triq Sant' Antnin u l-madwar.
9.00am *Coffee Morning.*
6.00pm L-Arċipriet imexxi l-Ewkaristija fil-Knisja ta' Sant' Antnin flimkien mal-Komunita' Franġiskana fl-Ewwel Jum tat-Tridu tal-Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Wara jiltaqa' ma' dawk preżenti fil-Kunvent.
7.30pm *Treasure Hunt* għaż-żgħażagħ organizzata miċ-Ċentru Parrokkjali.

**L-Erbgħa 6 ta' Diċembru**

8.30am Dawra m'Għawdex mill-Kunsill Lokali.
9.30am L-Arċipriet iżur lill-morda fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u fid-djar ta' l-anzjani.
5.00pm Żjarat lill-anzjani u morda mill-Għaqdiet tar-raħal.
6.30pm L-Arċipriet iżur lill-komunita tad-Dar ta' Lourdes

**Il-Ħamis 7 ta' Diċembru**

9.00am L-Arċipriet iżur id-Dar ta' San Ġużepp u jiltaqa' mad-diversi gruppi li joperaw fi ħdanha.
11.30am L-Arċipriet Dun Frankie Bajada jżur l-Iskola Primarja Anton Cassar u jkun preżenti waqt Jum il-Premjazzjoni fl-istess skola.
5.00pm Rużarju mill-adoloxxenti fil-Knisja.
5.30pm Quddiesa li fiha nitolbu b'mod speċjali għall-emigranti tagħna u l-Għajnselmiżi li jgħixu barra mill-Parroċċa. Wara l-quddiesa ta' filgħaxija, ħruġ ta' l-istatwa tal-Madonna ta' Loreto minn ġon-niċċa u titpoġġa fil-korsija taħt il-pavaljun fost kant ta' innijiet Marjani. L-Arċipriet jagħmel kelmtejn qosra.
7.30pm MTL FEST'O6 - Serata divertenti għal kulħadd miż-żgħażagħ tagħna fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Il-Ġimgħa 8 ta' Diċembru**

*Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni*
7.30am Pellegrinaġġ annwali għas-Santwarju